



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Diċembru 2020
(OR. en)

14166/20

UD 398
DELECT 175

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	7 ta' Diċembru 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2020) 8454 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 7.12.2020 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 fir-rigward tar-rekwiżiti komuni tad- <i>data</i> , u r-Regolament Delegat (UE) 2016/341 fir-rigward tal-kodiċijiet li jridu jintużaw f'ċerti formoli

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument C(2020) 8454 final.

Mehmuż: C(2020) 8454 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.12.2020
C(2020) 8454 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 7.12.2020

**li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 fir-rigward tar-rekwiżiti komuni tad-
data, u r-Regolament Delegat (UE) 2016/341 fir-rigward tal-kodiċijiet li jridu jintużaw
f'ċerti formoli**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (KDU), b'konsistenza mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), jiddelega lill-Kummissjoni s-setgħa li tissupplimenta ċerti elementi mhux essenzjali tal-KDU, f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE. Għalhekk, il-Kummissjoni eżerċitat dawn is-setgħat billi fit-28 ta' Lulju 2015 adottat ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' regoli dettaljati li jikkonċernaw uħud mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni.

Dan ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni jistabbilixxi dispożizzjonijiet ta' applikazzjoni ġenerali li jissupplimentaw il-Kodiċi f'konformità mas-setgħat delegati tal-Kummissjoni u bl-għan li jiżguraw applikazzjoni ċara u xierqa tal-Kodiċi. Għaldaqstant, hemm bżonn li r-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 jiġi aġġornat regolarment biex jittieħed kont tal-iżviluppi dwar il-leġiżlazzjoni u l-iskjerament tas-sistemi tal-IT tal-KDU.

Din l-emenda partikolari għandha l-għan li tarmonizza r-rekwiżiti tad-*data* għas-sistemi tal-IT trans-Ewropej. L-emenda tiegħu kont tal-esperjenza matul il-fażi ta' tħejjija għal dawn is-sistemi. Għaldaqstant hija meħtieġa definizzjoni armonizzata ta' dawn ir-rekwiżiti tad-*data* sabiex tiġi żgurata l-interoperabbiltà ta' dawn is-sistemi.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Il-Kummissjoni wettqet konsultazzjoni f'konformità mal-paragrafu 4 tal-Fehim Komuni dwar l-Atti Delegati bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea.

Il-Kummissjoni żviluppat dan l-Att Delegat f'konformità mal-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea u l-Fehim Komuni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-atti delegati. L-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati rilevanti l-oħra kollha ġew involuti kif xieraq u kkonsultati b'mod kostanti dwar l-abbozzi tad-dispożizzjonijiet.

Il-Kummissjoni wettqet konsultazzjonijiet mal-Istati Membri permezz ta' laqgħat tal-grupp ta' esperti (il-Grupp ta' Esperti Doganali), kif ukoll konsultazzjonijiet mal-komunità tan-negozju permezz tal-korp konsultattiv tal-partijiet ikkonċernati (il-Grupp ta' Kuntatt dwar il-Kummerċ – TCG) f'laqgħat konġunti mal-esperti tal-Istati Membri fid-29 ta' Novembru 2018, fil-15 ta' Frar 2019, fit-3 ta' April 2019, fil-21 ta' Ġunju 2019, fl-4 ta' Ottubru 2019, fit-22 ta' Novembru 2019, fit-22 ta' Jannar 2020, fis-6 ta' Frar 2020.

Il-Kummissjoni verament qieset il-kummenti kollha li rċeviet waqt dan l-eżerċizzju ta' konsultazzjoni, u sa fejn kien possibbli, inkludiethom fil-verżjoni mogħtija f'dan l-att.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

Il-bażi ġuridika ta' dan ir-Regolament tinsab fid-delega tas-setgħa tal-Artikoli 7 u 279 tal-Kodiċi.

Prinċipju ta' sussidjarjetà

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-UE skont l-Artikolu 3(1)(e) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Prinċipju ta' proporzjonalità

F'termini ta' proporzjonalità, dan ir-Regolament jirrispetta l-limiti tas-setgħat mogħtija mill-koleġiżlaturi u jikkonċerna biss elementi li jadattaw aħjar id-dispożizzjonijiet ġuridiċi eżistenti għar-rekwiżiti tal-prattika ta' kuljum tal-awtoritajiet doganali u tal-operaturi ekonomiċi u ta' persuni oħra għajr l-operaturi ekonomiċi.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 7.12.2020

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 fir-rigward tar-rekwiżiti komuni tad-*data*, u r-Regolament Delegat (UE) 2016/341 fir-rigward tal-kodiċijiet li jridu jintużaw f'ċerti formoli

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni¹, u b'mod partikolari l-Artikoli 7 u 279 tiegħu,

Billi:

- (1) L-implimentazzjoni prattika tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 (il-Kodiċi) flimkien mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2015/2446² uriet li jeħtieġ li jsiru emendi għal dak ir-Regolament Delegat sabiex jiġu armonizzati aħjar ir-rekwiżiti komuni tad-*data* għall-iskambju u l-ħżin tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali kif ukoll bejn l-awtoritajiet doganali u l-operaturi ekonomiċi. Dan it-tip ta' armonizzazzjoni orizzontali huwa meħtieġ biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà bejn is-sistemi elettroniċi doganali użati għat-tipi differenti ta' dikjarazzjonijiet, notifiki u prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni, stabbiliti fl-Anness B tar-Regolament Delegat (UE) Nru 2015/2446. Għaldaqstant hemm bżonn li l-Anness jiġi sostitwit.
- (2) Jeħtieġ li jiġi emendat ir-Regolament Delegat (UE) Nru 2015/2446 biex tiġi żgurata r-rabta bejn it-tipi differenti ta' dikjarazzjonijiet, notifiki u prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni, stabbiliti fl-Anness B ta' dak ir-Regolament u s-sistemi elettroniċi doganali previsti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2151³ li jipproċessaw dawk id-dikjarazzjonijiet, notifiki u provi.
- (3) Jeħtieġ ukoll li jiġi emendat ir-Regolament Delegat (UE) Nru 2015/2446 biex il-possibbiltà tal-Istati Membri li jużaw ir-rekwiżiti tranżizzjonali tad-*data* għad-dikjarazzjonijiet, in-notifika u l-prova tal-istatus tal-Unjoni pprovduti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/341⁴ tiġi konnessa mal-aġġornament tas-sistemi elettroniċi doganali f'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE)

¹ ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.

² Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 tat-28 ta' Lulju 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' regoli dettaljati li jikkonċernaw uħud mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 1).

³ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2151 tat-13 ta' Diċembru 2019 li tistabbilixxi l-programm ta' ħidma relatat mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 325, 16.12.2019, p. 168).

⁴ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/341 tas-17 ta' Diċembru 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' regoli tranżizzjonali għal ċerti dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni fejn is-sistemi rilevanti għadhom ma sarux operazzjonali u li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 (ĠU L 069, 15.3.2016, p. 1).

2019/2151. Għaldaqstant, l-Anness 1 tar-Regolament Delegat (UE) 2016/341 ma għadx hemm bżonnu u jenħtieġ li jitħassar.

- (4) Jeħtieġ ukoll li jiġi emendat ir-Regolament Delegat (UE) Nru 2015/2446 biex jingħata ż-żmien meħtieġ lill-Istati Membri li jkunu diġà aġġornaw is-sistemi elettroniċi nazzjonali tal-importazzjoni tagħhom sabiex jaddatawhom mill-ġdid għar-rekwiżiti l-ġodda tad-*data*, b'mod aktar speċifiku, sal-iskjerament tal-Fażi 1 tal-Proġett ta' Żdoganar Ċentralizzat għall-Importazzjoni elenkat fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2151.
- (5) F'Settembru 2019, il-Kamra Internazzjonali tal-Kummerċ nediet l-Incoterms 2020 li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2020. Sabiex jiġi permess l-użu tal-kodiċijiet ġodda tal-incoterm fid-dikjarazzjonijiet doganali, jenħtieġ li l-lista tal-kodiċijiet rilevanti fl-Anness 9, l-Appendiċi D1 tar-Regolament Delegat (UE) 2016/341 tiġi aġġornata.
- (6) Għaldaqstant jenħtieġ li r-Regolamenti Delegati (UE) 2015/2446 u (UE) 2016/341 jiġu emendati skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446

Ir-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 huwa emendat kif ġej:

- (1) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

- (a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. L-iskambju u l-ħżin ta' informazzjoni meħtieġa għad-dikjarazzjonijiet, in-notifiki u l-prova tal-istatus doganali għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti komuni tad-*data* stabbiliti fl-Anness B, mid-dati tal-iskjerament jew l-immodernizzar tas-sistemi elettroniċi elenkati fl-Anness C, kif stabbilit fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2151*.

* Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2151 tat-13 ta' Diċembru 2019 li tistabbilixxi l-programm ta' ħidma relatat mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 325, 16.12.2019, p. 168).”;

- (b) il-paragrafu 3 jitħassar;

- (c) il-paragrafu 4 huwa sostitwit bit-test li ġej:

“4. L-iskambju u l-ħżin ta' informazzjoni meħtieġa għad-dikjarazzjonijiet, in-notifiki u l-prova tal-istatus doganali għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti tad-*data* stabbiliti fl-Anness 9 tar-Regolament Delegat (UE) 2016/341, kif ġej:

- (a) *sad-data* tal-iskjerament tas-Sistema Awtomatizzata tal-Esportazzjoni tal-KDU stabbilita fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2151, għall-każijiet koperti mill-kolonni A1, A2, B1 u C1 tal-Anness B ta' dan ir-Regolament;
- (b) *sad-data* tal-iskjerament tal-Komponent 1 tas-sistema elektronika tal-Proċeduri Speċjali tal-KDU stabbilita fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2151, għall-każijiet koperti mill-kolonni B2 u B3 tal-Anness B ta' dan ir-Regolament;

- (c) sad-data tal-iskjerament tal-fażi 5 tas-Sistema Ġdida ta' Tranżitu Kompjuterizzata tal-KDU kif stabbilit fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2151, għall-każijiet koperti mill-kolonna D1 tal-Anness B ta' dan ir-Regolament;
- (d) sad-data tal-iskjerament tal-fażi 1 tal-Prova tal-Istatus tal-Unjoni tal-KDU stabbilita fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2151, għall-każijiet koperti mill-kolonna E1 tal-Anness B ta' dan ir-Regolament;
- (e) sad-data tal-iskjerament tar-rilaxx 2 tas-Sistema tal-Kontroll tal-Importazzjoni tal-KDU kif stabbilit fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2151, għall-każijiet koperti mill-kolonni F20 u F30 tal-Anness B ta' dan ir-Regolament u għan-notifika ta' devjazzjoni tal-inġenji tal-ajru;
- (f) sad-data tal-iskjerament tar-rilaxx 3 tas-Sistema tal-Kontroll tal-Importazzjoni tal-KDU kif stabbilit fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2151, għall-każijiet koperti mill-kolonni F10, F50 u F51 tal-Anness B ta' dan ir-Regolament u għan-notifika ta' devjazzjoni tal-bastimenti tat-tbaħħir;
- (g) sakemm jiġu aġġornati s-Sistemi tal-Importazzjoni Nazzjonali kif stabbilit fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2151, għall-każijiet koperti mill-kolonni H1 sa H4 u I1 tal-Anness B ta' dan ir-Regolament.

Meta r-rekwiżiti tad-*data* għall-iskambju u l-ħżin ta' informazzjoni meħtieġa għad-dikjarazzjonijiet, in-notifiki u l-prova tal-istatus doganali mhumieq stabbiliti fl-Anness 9 tar-Regolament Delegat (UE) 2016/341, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rekwiżiti tad-*data* rispettivi jkunu tali li jiġġustifikaw l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw dawk id-dikjarazzjonijiet, in-notifiki u l-prova tal-istatus doganali.”;

(d) jiddaħħal il-paragrafu 4a ġdid li ġej:

“4a. B’deroga mill-paragrafi 2 u 4, l-awtoritajiet doganali jistgħu jiddeċiedu li japplikaw ir-rekwiżiti tad-*data* komuni stabbiliti fil-kolonni H1 sa H6, I1 u I2 tal-Anness D ta' dan ir-Regolament sad-data li fiha dawk l-awtoritajiet doganali jvaraw l-ewwel fażi ta' Żdoganar Ċentralizzat għall-Importazzjoni tal-KDU msemmija fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2151.”.

(2) Fil-Werrej, wara l-Artikolu 256, it-Titolu I huwa emendat kif ġej:

(a) il-linja “ANNESS B - Rekwiżiti komuni tad-dejta għal dikjarazzjonijiet, notifiki u prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni” hija sostitwita bi “ANNESS B - Rekwiżiti komuni tad-*data* għal dikjarazzjonijiet, notifiki u prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni (l-Artikolu 2(2))”;

(b) il-linji li ġejjin jiżdiedu wara l-linja li tikkorrispondi mal-Anness B:

“ANNESS C - Dikjarazzjonijiet, notifiki u prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni u proġetti relatati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2151 fil-Programm ta' Ħidma tal-KDU

ANNESS D - Rekwiżiti Komuni tad-*Data* għal Dikjarazzjonijiet, Notifiki u Status Doganali tal-merkanzija tal-Unjoni (l-Artikolu 2 (4a))”.

(3) L-Anness B huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

(4) Jiddaħħal Anness C ġdid, kif stabbilit fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

(5) Jiddaħħal Anness D ġdid, kif stabbilit fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Emendi għar-Regolament Delegat (UE) 2016/341

Ir-Regolament Delegat (UE) 2016/341 huwa emendat kif ġej:

- (1) L-Anness 1 jiĥassar.
- (2) Fl-Anness 9, l-Appendiċi D1, it-Titolu II, it-tabella li tirrigwarda l-Kaxxa 20 hija sostitwita bit-tabella li ġejja:

“L-ewwel sottodivizjoni	Tifsira	It-tieni sottodivizjoni
Kodiċi Incoterms	Incoterms — ICC/ECE	Il-post irid jiġi speċifikat
<i>Kodiċijiet li normalment japplikaw għall-modi kollha tat-trasport</i>		
EXW (Incoterms 2020)	Dirett mill-fabbrika	Post tal-konsenja msemmi
FCA (Incoterms 2020)	Frank sat-trasportatur	Post tal-konsenja msemmi
CPT (Incoterms 2020)	Ġarr imħallas sa	Post tad-destinazzjoni msemmi
CIP (Incoterms 2020)	Ġarr u assigurazzjoni mħallsin sa	Post tad-destinazzjoni msemmi
DPU (Incoterms 2020)	Konsenja fid-destinazzjoni tal-ħatt	Post tad-destinazzjoni msemmi
DAP (Incoterms 2020)	Konsenja sal-post	Post tad-destinazzjoni msemmi
DDP (Incoterms 2020)	Konsenja bid-dazju mħallas	Post tad-destinazzjoni msemmi
DAT (Incoterms 2010)	Konsenja sat-terminal	Terminal imsemmi fil-port jew fil-post tad-destinazzjoni
<i>Kodiċijiet li normalment japplikaw għat-trasport bil-baħar u fuq l-ilmijiet navigabbli interni</i>		
FAS (Incoterms 2020)	Frank sal-vapur	Port tat-tagħbija msemmi
FOB (Incoterms 2020)	Frank abbord	Port tat-tagħbija msemmi

CFR (Incoterms 2020)	Kost u nol	Port tad-destinazzjoni msemmi
CIF (Incoterms 2020)	Kost, assigurazzjoni u nol	Port tad-destinazzjoni msemmi
XXX	Termini tal-konsenja għajr daww elenkati hawn fuq	Deskrizzjoni narrattiva tat-termini tal-konsenja mogħtija fil-kuntratt”.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 7.12.2020

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN